MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 128/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Gafa')**
**Vs**
**George Xuereb**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Novembru, 2002, u fil-jiem ta' qabel, u dawk ta wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1. irceva minghand xi haddiehor jew kiseb minghand xi haddiehor xi weghda li tinghata lilu jew lil ohrajn, korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess il-ligi, u dan bi ksur ta' l-artikoli 298C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati fid-dati : 12 ta’ Gunju, 1989, 8 t’Awissu, 1990 u 2 ta’ Mejju, 1994.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-24 t’April, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 298C (1), 49 u 51 tal-Kap. 9 sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu kompriza dik dwar ir-recidiva wara li kienu esebiti sentenzi relevanti w wara li d-difiza kienet ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-prova tal-identita’, ikkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn oltre multa ta’ ghaxart elef Euro (€10,000) u cioe’ l-piena ravvizata fl-artikolu 298C (1) mizjuda bi grad skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta’ Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi w fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija tal-appellant taht l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra inqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-appellant gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza w kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Il-prosekuzzjoni naqset li tipprova fil-grad rikjest mil-ligi l-elementi kollha, u/jew uhud minnhom, li jikkostitwixxu d-delitt tal-uzura ai termini tal-artikolu 298C tal-Kodici Kriminali. Il-Prosekuzzjoni ippruvat tibni l-kaz taghha esklussivament madwar l-allegazzjoni ta' self ta' flus allegatament b' imghax oghla minn dak permess mill-ligi. Li lill-ufficjal investigattiv ma rrizultalux li kien hemm prova li turi li l-appellant kien sellef flus lil Toni Muscat b' rati li jeccedu dawk permessi mill-ligi. Minn ezami kemm tal-artikolu 298C tal-Kap. 9 kif ukoll tal-artikolu rilevanti fil-

Kodici Penali Taljan u mill-insenjament tal-guristi, johrog car li l-ewwel element necessarju sabiex tibda' tinbena t-tezi tal-prosekuzzjoni kontra min hu akkuzat b' tali reat, huwa proprju l-element tal-accettazzjoni da parti tal-vittma li huwa ser irodd lura l-flejjes mislufa lilu b' rati t' imghaxijiet oghla minn dawk permessi mill-ligi. Dan l-element ma jirrizultax la mix-xiehda tal-vittma w lanqas minn ta' martu.

It-tieni element intrinsiku ghad-delitt in ezami huwa li l-allegat vittma jkun *"in uno stato di bisogno"* u li l-persuna li tkun sellfet il-flus tkun qed taghmel hekk sabiex tiehu mhux biss vantagg minn tali persuna izda li tali vantagg jkompli jghakkes lil tali persuna li tkun *"in uno stato di bisogno".* Li rrizulta li Tony Muscat kien mar minn jeddu ghand l-appellant biex jghinu jhallas id-djun li kellu minnhabba l-vizzju tal-loghob. Il-kliem *"stato di bisogno"* ghandu jigi interpretat fi sfond illi tkun il-persuna li qed issellef li tirrikorri ghand id-debitur sabiex tiehu vantagg mis-sitwazzjoni prekarja tieghu. Min isellef irid ikun qed jaghmel pressjoni fuq il-persuna li tissellef b' mod li din titpogga fi stat li ma jkollhiex ghazla ohra ghajr li taccetta dak is-self b' dawk il-kondizzjonijiet. Analisi tal-provi turi li Tony Muscat qatt ma gie kostrett b' dan il-mod, anzi jidher l-oppost. Muscat kien qed jigi mghakkes minn terzi w l-appellant sahansitra gie mitlub minn Muscat biex imur mieghu biex jipproteggieh minn xi glied ma dawn it-terzi. Ghalhekk mill-atti processwali minn mkien ma jidher li Muscat ma kellux il-*liberta' di scelta,* anzi, b' ghazla tieghu w minghajr qatt ma gie mgieghel, talab u tkarrab ma l-appellant sabiex jghinu bhal ma talab u tkarrab mieghu sabiex l-iskrittura esebta ssir. F' dal-kaz minnflok ma att karitatevoli gie rikambjat b' att karitatevoli iehor, giet istitwita l-kawza odjerna.

Dwar it-tielet element tad-delitt, ossia s-self t' flus, ghalkemm hu fatt indiskuss li l-appellant sellef flus lil Muscat, minn imkien ma rrizulta mill-provi mressqa x' kienet ir-rata tal-imghaxijiet. Iz-zewg Spetturi Gafa' w Zarb stqarrew li t-tnejn kellhom diffikulta' dwar dan l-element.

Dwar ir-raba element li jirrigwarda l-konsumazzjoni tad-delitt, il-ftehim kien li l-appellant isellef lil Muscat somom ta' flus li Muscat kien jaccetta li jhallas lura bir-rata ta' LM250 fil-gimgha sakemm ihallas l-ammont kollu. Dan it-tip ta' self sar aktar minn darba bl-istess modalitajiet ta' hlas u dejjem fuq insistenza ta' Muscat. Muscat hawwad fuq dan u jidher li hu *mathematically challenged*. Tant ma kienx car li l-Ewwel Qorti, fis-sejbien ta' htija tal-appellant, ghazlet li ma tapplikax id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (5) u tordna lill-akkuzat l-ammont li jkun thallas in eccess. Muscat jghid li meta hu kien jaqbez il-hlas b' gimgha, l-gimgha ta' wara l-hlas kien ikun LM500 w allura, skond Muscat, il-hlas kien bl-uzura. Imma kuntrarjament ghal dak li jghid Muscat, din hija ukoll il-prassi adoperata mill-banek kummercjali.

Il-hames element jinkwadra ruhu fl-intenzjoni rikjesta. Din l-intenzjoni trid tkun wahda specifika, pozittiva w diretta versu l-ghan imsemmi. Izda f' dan il-kaz ma tirrizulta minn imkien.

Subordinatament u minghajr pregudizzju, l-periodu ta' prigunerija kif ukoll il-multa ghandhom ikunu inqas, tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Ghandu wkoll jigi mehud kont li l-appellant bata pregudizzju finanzjarju, apparti l-pieni pekunjarji nflitti.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat ir-rikors tal-appellant tal-5 ta' Novembru, 2008 u d-dokument anness mieghu.

Rat id-Digriet Taghha tas-6 ta' Novembru, 2008, fejn ammettiet l-esebizzjoni tal-istess dokument;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz jistghu jigu sintetizzati kif gej:- F' xi zmien l-appellant kien gie introdott ma Tony Muscat tramite wiehed jghidulu l-Keegan u dan Muscat beda jiffrekwenta l-garage tal-appellant ta' spiss u regolarment. Maz-zmien l-appellant beda jislef xi flus lil

Muscat u dan kien jidher li qed iroddhom lura b' mod regolari u li jispira fiducja, pero' minnufieh Muscat kien jerga' jissellef u bdew tielghin ammonti sostanzjali li bdew jitnizzlu fuq speci ta' *note book* li kien juri speci ta' *"account current"* (Dok. BZ 1), fejn f' kolonna minnhom kien ikun hemm il-bilanc u f' kolonna ohra jidhru xi pagamenti li qed isiru, jew, fejn ikun hemm is-simbolu "+", l-ammont bilancjali kien jizdied bl-istess ammont li jkun jidher fit-tieni kolonna. Fit-tielet kolonna kienet titnizzel id-data tat-transazzjoni.

Gara li fis-7 ta' Dicembru, 2002, xi hadd - li ma giex identifikat fl-atti - kien abbozza skrittura dattilografata ta' kostituzzjoni ta' debitu, veru, cert u likwidu w din l-iskrittura ggib il-firma tal-appellant, ta' habibtu Connie Lia w firma ohra li allegatament hija ta' Tony Muscat, ghalkemm dan f' certu stadju tefa' dubju fuq il-fatt li dik il-firma hija tieghu w mill-perizja kaligrafika ta' Dr. Scerri Ferrante (Fol. 187 et seq.) johrog li hu probabbli li din ma hix il-firma ta' Muscat. Skond din l-iskrittura fis-7 ta' Dicembru, 2002, l-ammont bilancjali dovut minn Muscat lill-appellant kien tela' ghal LM12,700 u dawn kellhom jigu restitwiti b' rati konsekuttivi w ininterrotti ta' mhux anqas minn LM500 fil-gimgha, minghajr imghax, l-ewwel pagament jithallas fl-14 ta' Dicembru, 2002, u bid-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu f' kaz ta' morozita' ta' tlett pagamenti jew ammont ekwivalenti.

Jidher mid-dok. BZ 1 li baqghu isiru xi pagamenti sat-12 ta' Marzu, 2003, b' dana li bilanc daqqa kien jonqos u daqqa jizdied meta jkun hemm is-simbolu "+" minnflok is-simbolu "-" bejn l-ewwel u t-tieni kolonna.

Gara li fit-3 t' April, 2003 Muscat kien mar ghamel rapport kontra l-appellant fl-ghassa taz-Zejtun fejn allega li kienu gew fl-idejn dwar xi kwistjoni fuq self u li hu gie aggredit mill-appellant. Meta gie interrogat, l-appellant ammetta mal-Ispettur Bernard Zarb li kien jislef flus lil Muscat bla interessi, pero' cahad li kien gara xi incident fid-data in kwistjoni ma Muscat, tant li kellu xhud li seta' jipprovdih b' *alibi* ghall-jum u hin li fih suppost kien gara l-incident. Dax-

xhud kien Joseph Bellotti li xehed quddiem l-Ewwel Qorti f' dan is-sens (Fol. 238 et seq).

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, Muscat sostna li hu kien jilghab ("gambling") u beda jissellef minghand l-appellant. Jekk kien jissellef b' elf, l-appellant kien jikteb elfejn: *"one thousand jigu two. Two thousand jigu four."* Meta ma kienx ikollu flus biex ihallas lura xi pagament puntwalment, l-appellant kien jghidlu mela issa d-doppju jrid ihallas u minnflok pagament ta' LM250 jigi li jkollu jhallas LM500. B' kollox hu kien issellef b' xi sitta, sebgha, tmin jew disghat elef lira  minnghand l-appellant pero' jghid li kien hallsu lura xi tmintax il-elf lira w li ghalhekk ma kien fadallu jatih xejn lura minnkejja dak li kien hemm miktub fid-dok.BZ1 u l-iskrittura tas-7 ta' Dicembru, 2002 (Dok. GX 1) u d-dokument GX 5. Il-kitba (Dok. BZ3) u l-kopji taghha esebiti a fols. 173 u 174, cioe' l-iskrittura tas-7 ta' Dicembru, 2002, jaf biha pero' ghalkemm il-firma tidher li hi tieghu, ma jafx li ffirma karti bhal dawk.

Mill-banda l-ohra l-appellant jghid li Muscat kellu problemi tal-loghob ghalkemm kien jghid li kellu paga tajba w jaqla xi LM800 fil-gimgha mix-xoghol li kellu mat-turisti. Maz-zmien sar jaf li Muscat kellu hafna djun ma terzi persuni w beda jissellef minghandu ammonti ta' LM1000 u jibda' jaqtaghhom bil-mod. L-iskrittura tas-7 ta' Dicembru 2002, kien talbu li ssir Muscat stess u dan meta darba hu kien silfu LM5000 f' daqqa. Muscat kien jiehu daqqa LM1000, daqqa LM2000 u meta saret l-iskrittura Muscat kien tella' l-ammont ta' LM12,700 hemm indikat. Skondu l-inkwiet beda meta Muscat kien mar ghamel ir-rapport kontra tieghu li hu kien tah daqqa ta' ponn, cirkostanza li hu cahad u li kien hareg liberat minnha quddiem il-Qorti.

Ikkonsidat;

Illi r-reat addebitat lill-appellant hu wiehed relattivament gdid fil-ligi Maltija w gie introdott fil-Kodici Kriminali bl-Att III tas-sena 2002. L-artikolu 298C (1) li tahtu nstabet htija jghid testwalment li :-

*"Kull min jircevi minghand xi hadd iehor jew jikseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, jehel meta jinsab hati , il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tmintax il-xahar u ghall hlas ta' multa…."*

Ghalkemm dan ir-reat jixbah l-artikolu 644 tal-Codice Penale Taljan li ghalih irreferiet id-difiza tal-appellant, il-kliem mhux identiku ghal dak l-artikolu. Jibda biex jigi osservat li l-*"stato di bisogno"* tal-vittma mhux aktar element tar-reat fil-Codice Penale Taljan, izda hu biss aggravanti w konsegwentement l-appellant mhux guridikament korrett meta jibni wiehed mill-aggravju tieghu fuq l-allegazzjoni li dan l-istat tal-vittma hu element essenzjali tar-reat in dizamina. Di fatti il-ligi taghna ma ssemmi xejn dwar dan l-istat *"di bisogno"* tal-vittma w ergo din il-Qorti tara li dan mhu bl-ebda mod element tar-reat in kwistjoni. Ghalhekk l-aggravju mibni w minsug fuq din il-konsiderazzjoni qed jigi respint.

L-uniku element mehtieg fil-ligi taghna hu li dak li jkun jikseb weghda li jinghataw b' korrispettiv ta' self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor b' eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi.

Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1139 tal-Kodici Civili li jipprovdi ghal rata ta' 8%. Hemm umbaghad l-artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5%. Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li japplikaw fil-kazijiet ta' banek, meta jinhargu bonds ghall-pubbliku, eccetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina.

Ikkonsidrat;

Li jrid jigi stabilit f' dan il-kaz hu jekk jirrizultax li fuq dan is-self *"on going"* li kien ghaddej fuq firxa ta' zmien bejn l-appellant u Muscat kienx qed jithallas bhala korrispettiv,

imghax jew qliegh iehor u jekk dan l-imghax jew qliegh iehor kienx in eccess ghal dak permess mill-ligi.

Illi fil-motivazzjoni taghha ghas-sejbien ta' htija, l-Ewwel Qorti qalet li l-istampa li l-appellant ittanta jpingi tieghu nnifsu kienet dik ta' persuna li m'ghandhiex xoghol, anzi li jaghmel dak li jinzerta tant li kien qed jistenna risposta dwar xoghol prospettiv. Minkejja l-incertezza tal-hajja lavorattiva tieghu, hu kien jislef flejjes kbar minghajr imghax u minghajr ebda garanzija. Minkejja li l-fl-iskrittura gie dikjarat li s-self kien ta' M12,700 Muscat kien talbu LM3000 dak in-nhar stess u li kienet it-tfajla tieghu li waqqfitu milli jatihomlu lil Muscat. Igifieri hu kien qed jikkontempla li jislef lil Muscat dawn il-flus meta Muscat, dipendenti biss fuq paga mensili w li kellu familja tiddependi minnu w minkejja li kien inghata dik is-somma minghajr ebda sigurta' w bil-konsapevolezza li Muscat kellu mhux biss problemi finanzjarji izda wkoll problemi ta' loghob tal-flus. Umbaghad, kif irrimarkat testwalment l-Ewwel Qorti, *"Minkejja dan l-att karitattiv, meta l-kwerelant naqas li jhallas xi rata, mar wara l-bieb tad-dar tieghu jaghmel storbju biex jithallas."*

L-Ewwel Qorti ziedet tghid ukoll li mill-ezami tal-librett esebit, ix-xiehda tal-kwerelant titfa' dubju akbar fuq il-verzjoni tal-imputat. Permezz tal-iskrittura imsemmija, l-kwerelant kellu jhallas mhux anqas minn LM500 fil-gimgha. Mil-librett jirrizulta illi l-kwerelant qatt ma rnexxielu jhallas is-somma ta' LM500 hlief darba. Meta hallas LM350 (23.11.2002) l-ammont rimanenti ta' LM150 tnizzel ukoll bhala self indikat bis-sinjal (+) il-gimgha ta' wara u fil-gimgha wara dan tnizzel ukoll bhala self l-ammont ta' LM500 (30.11.2002). L-imputat dejjem xehed li hu silef ammonti kbar lill-kwerelant u mhux ammonti zghar ta' LM150 jew LM200. Il-konsegwenza hija kif spjegha l-kwerelant u cioe' li kull darba li jonqos milli jhallas l-ammont ta' LM500 fl-intier tieghu, dan mhux biss kellu jrodd lura l-kumplament izda l-ammont ta' LM500 mill-gdid, kif kellu jaghmel diversi drabi anke fit-28 ta' Jannar, 2003, fejn minnkejja li hallas LM200 spicca kellu *"jissellef"* LM2000 tan-nuqqasjiet ta' qabel.

L-Ewwel Qorti osservat ukoll li minkejja li l-kwerelant naqas milli jrodd lura s-somma jew parti minnha, l-imputat ma ghamel xejn biex jinghta lura dak li hu tieghu. Ma ghamel ebda proceduri civili kontra l-kwerelant minkejja d-dokument kontra l-istess kwerelant li kien qabel li hu debitur tal-imputat f' ammont cert, likwidu w dovut.

Kien ghal dawn il-motivi li l-Ewwel Qorti qalet li kienet konvinta li l-imputat kien qed jislef flejjez lill-kwerelant b' imghax ta' mija fil-mija w ghalhekk sabitu hati.

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm jidher li hemm konflitt bejn il-versjoni tal-fatti moghtija minn Muscat u dik tal-appellant, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003]: *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux."*

Illi umbaghad, trattandosi ta' aggravju fuq l-apprezzament tal-provi, gie dejjem ritenut fil-gurisprudenza nostrana li l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel ezami approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *"safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

"Illi appropositu ta' dan, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to*

*interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi dan il-principju gie dejjem applikat fil-gurisprudenza recenti anki ghall-kazijiet fejn l-apprezzament tal-fatti li kontra tieghu jkun qed isir appell, ikun sar mill-Magistrat togat fil-kaz t'appelli minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ikkonsidrat;

Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti fil-process u rrizultalha li hi ferm aktar verosimili l-versjoni ta' Muscat li s-self massicc li kien qed isir kien qed jinghata versu korrispettiv u mhux *gratis et amoris* kif jallega l-appellant. Hadd f' sensieh ma jislef flejjes f' dawk l-ammonti lill-persuna li jkun jaf li hija midjuna serjament ma terzi, bla ebda garanzija w minghajr korrispetiv. Ghalkemm mill-provi ma jirrizultax li tali korrispettiv kien ha l-forma ta' rata ta' imghax fiss in eccess ghal dak permess mil-ligi, jidher li dan ha forma li solitament u komunement jiehu f' kazijiet ta' self bl-uzura w cioe' fejn, meta jinghata ammont b' self dan mal-ewwel jinkiteb f' ammont doppju b' mod li jigi jidher li l-ammont misluf ikun wiehed fiss u bla ma jissemma xi imghax ghalkemm dan l-ammont ikun fittizju ghax fih ikun jinkludi kemm il-kapital li jrid jithallas lura kif ukoll il-korrispettiv ecessiv li jigi immaskrat b' dan il-mod, f' kaz li wara jinqala' l-inkwiet bejn il-mutwant u l-mutwatarju. Din hi proprju l-allegazzjoni ta' Muscat li baqa' jsostni tul id-diversi depozizzjonijiet li huwa ta: *"one thousand jigu two. Two thousand jigu four."*

Issa f' kazijiet bhal dawn hu car u manifest li jkun hemm allura korrispettiv jew qliegh iehor b' eccess minn dak massimu ta' imghax ta' 8% permess mill-ligi. Dan ghaliex ghax b' *simple interest* biex b' rata ta' 8% *per annum* tilhaq l-ammont tal-kapital, trid mill-inqas tnax il-sena w nofs. Invece, bl-espedjent appena deskritt, tali korrispettiv isir dovut minnufieh. Ergo dak li bil-ligi ma jkunx dovut qabel tnax il-sena w nofs bir-rata massima tal-imghax legali, jigi dovut u ezigibbli minnufieh. Dan certament jinkwadra ruhu fl-element materjali tar-reat kif espress b' mod car fil-ligi taghna.

Lanqas hu korrett l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu meta jissottometti li biex jissussisti dar-reat ta' uzura hemm il-bzonn ta' xi intenzjoni specifika diretta li l-mutwant ikun irid jghakkes u jisfrutta lill-mutwatarju jew li jrid jiehu vantagg mill-pozizzjoni finanzjarja mwieghra tieghu. Kull ma hu mehtieg hu li l-mutwant jkun konsapevli tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv, imghax jew qliegh iehor li jkun in eccess ghal dak permess mill-ligi. Evidenza ta' din l-intenzjoni tista' tigi prezunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinheba l-vera portata w in-natura tas-self u l-korrispettiv, bhal ma jirrizulta li kien qed isir f' dan il-kaz, bil-mod fuq deskritt. Lanqas ma hu mehtieg li jigi pruvat li jkun il-mutwant li jkun ghamel xi pressjoni fuq il-mutwatarju biex jidhol ghal dak is-self abuziv. Bizzejjed li jkun hemm l-accettazzjoni tat-tnejn.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm hu minnu li Muscat kien impreciz fl-ammont li hu kien issellef minnghand l-appellant, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta bhala aktar kredibbli l-versjoni ta' Muscat u tiskarta bhala inveritjiera w li ma tikkonvincix - anki sal-grad tal-probabbli - l-versjoni tal-appellant. Bhala konsegwenza kellha kull dritt li legalment u logikament tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha. Ghalhekk l-aggravji kollha tal-appellant dwar il-htija qed jigu respinti.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-ahhar aggravju dwar il-piena, din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubbblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi w ghalkemm inghatat fil-massimu taghha, bl-applikazzjoni ta' zieda bi grad wiehed minnhabba r-recidiva - li ma gietx kontestata - zgur li ma hix wahda eccessiva, meta wiehed jikkonsidra l-fatt li l-appellant ghandu kondotta refrattarja w, apparti li kien diga' nghata kundanna ta' sentenza sospiza w numru ta' pieni pekunjarji ghal diversi reati kommessi minnu, kien ukoll issubixxa zewg kundanni ta' prigunerija effettiva, kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tieghu. Umbaghad il-multa erogata hija inqas minn terz tal-multa massima ta' Ewro 34,940.60 preskritta mill-ligi.

Ghalhekk ma tarax li hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------